MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Numru. 905/2006

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Oliver Demicoli, iben Lucio, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Frar, 1974
u
Shaun Demicoli, iben lucio, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ April, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati -
1. talli fis-16 ta’ lulju, 2006 għal habta tal-4.00 a.m. f’Birżebbuġia, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta’ Karl Cutajar minn Birżebbuġia, f’perikolu ċar, ikkaġunawlu offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ listess

Karl Cutajar, liema offiża ġġib mankament jew sfreġju jew feriti ‘per durata’ skond kif iċċertifikat Dr. Agnes Cachia Pickard tat-taqsima ta’ l-emergenza ta’ l-Isptar San Luqa;
2. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament kisru l-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku bl-għajjat u bil-ġlied;
lil Oliver Demicoli, waħdu –
3. talli hu reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta’ Jannar, 2004 liema sentenza hi definittiva.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali a favur ta’ l-istess Karl Cutajar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat ix-xhieda ta’ Karl Cutajar tat-22 ta’ april, 2008 fejn il-parte civile ħaret lill-imputati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta’ Oliver Demicoli. Rat l-artikoli 49, 50, 214, 216, 227(ċ), 230(1)(b) u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Fil-konfront ta’ Shaun Demicoli. Rat l-artikoli 214, 216, 230(ċ) u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------